MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 441/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Raymond u Anna mizzewgin Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c., li, wara li ppremetta illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'hames kuntratti in atti, in-Nutar Dottor Joseph Tabone, wiehed minnhom datat 14 ta' Awwissu 1986 (Dok. "A"), iehor datat 11 ta' Ottubru 1993 (Dok. "B"), iehor datat 3 ta' Marzu 1999 (Dok. "C") u tnejn datati 20 ta' Mejju 2000 (Dok. "D" u "E"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Raymond u Anna mizzewgin Farrugia;

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Raymond u Anna mizzewgin Farrugia fis-somma ta' erbghin elf u zewg ewro u sitta u sittin centezmu (€40,002.66) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Raymond u Anna mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1" sa "F4" u Dok. "G1" sa "G5") flimkien mal-imghax uterjuri mis-6 ta' April 2013 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament billi Raymond u Anna mizzewgin Farrugia:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati; u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Raymond u Anna mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Raymond u Anna mizzewgin Farrugia gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2011 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "H", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument "A", "B", "C", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament billi Raymond u Anna mizzewgin Farrugia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-

imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Raymond u Anna mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

Tikkundanna lil Raymond u Anna mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbghin elf u zewg ewro u sitta u sittin centezmu (€40,002.66) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Raymond u Anna mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “F1” sa “F4” u Dok. “G1” sa “G5”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta’ April 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta’ Frar 2011 (Dok. “H”) kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li , ghalkemm debitament notifikati, l-intimati ghazlu li ma jwegbux ghall-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha l-pretensjoni taghha kif dedotta fir-rikors guramentat giet ridotta ghas-somma ta’ tmienja u tletin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu, flimkien mal-imghax legali mill-14 ta’ Ottubru 2013 sal-jum tal-effettiv pagament.

Semghet lil Rose Cortis tixhed viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi ghalkemm moghtija l-fakulta’ li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, dan ma sarx.

Ikkunsidrat illi t-talba tal-Bank attur giet pruvata sal-grad rikjest mil-ligi u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-Bank rikorrenti kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Raymond u Anna mizzewgin Farrugia jhallsu lil Bank of Valletta p.l.c. s-somma ta' tmienja u tletin elf, tmien mija u sitta u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€38,866.83) flimkien mal-imghax legali mill-14 ta' Ottubru 2013 sal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond u Anna konjugi Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------